

32005D0656

17.9.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 241/63

## DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 1-14 ta' Settembru 2005

**li tawtorizza l-laboratorji sabiex jiċċekjaw l-effikaċja tal-vaċċinazzjoni kontra l-idrofobia fuq ġerti annimali domestiċi karnivori**

(notifikata taħt dokument numru C(2005) 3444)

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/656/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE ta' l-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbi biex tistabbilixxi l-kriterji neċċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobia (¹), u b' mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni 2000/258/KE ħatret lill-laboratorju ta' l-Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments de Nancy (the AFSSA Laboratory, Nancy), Franza bħala l-istitut responsabbi għall-istabbiliment tal-kriterji meħtieġa għall-istandardizzazzjoni tat-testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobia. Dik id-Deċiżjoni tipprevedi wkoll li l-Laboratorju AFSSA, Nancy jibagħt lill-Kummissjoni l-lista ta' laboratorji tal-Komunità li għandhom jiġu awtorizzati sabiex jagħmlu dawk it-testijiet seroloġiċi. Għalhekk, il-Laboratorju AFSSA, Nancy jopera l-proċedura stabbilita għall-ittejtjar tal-profiċjenza sabiex jiġi assessjati l-laboratorji għall-awtorizzazzjoni biex jiżvolġu t-testijiet seroloġiċi.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/233/KE ta' l-4 ta' Marzu 2004 li tawtorizza l-laboratorji sabiex jiċċekjaw l-effikaċja tal-vaċċinazzjoni kontra l-idrofobia fuq ġerti annimali domestiċi karnivori (²), stabiliet lista ta' laboratorji approvati fl-Istati Membri skond ir-riżultati tat-testijiet tal-profiċjenza li ġew komunikati mil-Laboratorju AFSSA, Nancy.
- (3) Laboratorju wieħed fir-Repubblika Ċeka ġie approvat mil-Laboratorju AFSSA, Nancy, skond id-Deċiżjoni 2000/258/KE.

- (4) Għalhekk, huwa xieraq li dan il-laboratorju jiġi inkluż mal-lista ta' laboratorji approvati fl-Istati Membri kif stabbilit fl-Anness mad-Deċiżjoni 2004/233/KE.
- (5) Id-Deċiżjoni 2004/233/KE għandha għalhekk tiġi emenda kif xieraq.
- (6) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma fkonformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

F' Anness I tad-Deċiżjoni 2004/233/KE, it-taqSIMA allokata għar-Repubblika Ċeka hi mibdula b' li ġej:

1. State Veterinary Institute, National Reference Laboratory (NRL) for Rabies  
U Sila 1139  
CZ-463 11 Liberec 30
2. State Veterinary Institute Prague  
Sídlíštění 136/24  
CZ-165 03 Praha"

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussels, nhar l-14 ta' Settembru 2005.

*Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANO  
Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40. Deċiżjoni kif emdata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/60/KE (ĠU L 23, 28.1.2003, p. 30).

(²) ĠU L 71, 10.3.2004, p. 30. Deċiżjoni kif emdata l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 2005/392/KE (ĠU L 130, 24.5.2005, p. 17).